Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,769, 26 ta' Marzu, 1999
Taqsima B

A.L. 60 ta' l-1999

ATT TA' L-1998 DWAR TAXXA FUQ IL-VALUR MIŻJUD (ATT NRU. XXIII TA' L-1998)

Regolamenti ta' l-1999 li jemendaw il-Ħdax-il Skeda li tinsab ma' l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 24 u 75 ta' l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att", il-Ministru tal-Finanzi għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1999 li jemendaw il-Ħdax-il Skeda li tinsab ma' l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, liema Ħdax-il Skeda qegħda hawnhekk iżjed 'il quddiem f'dawn ir-regolamenti tissejjaħ "l-Iskeda".

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li bdew iseħħu fl-1 ta' Jannar, 1999.

Jemeda l-partita 8 ta' l-Iskeda.

2. Minflok il-paragrafu (2) tal-partita 8 ta' l-Iskeda għandu jidħol dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"(2) Meta l-Kummissarju jkun jidhirlu li l-metodu ta' attribuzzjoni ta' *input tax* stipulat fil-partita 7 ta' din l-Iskeda ma jkunx jagħti riżultat ġust u raġonevoli, huwa jista' permezz ta' avviż bil-miktub lil persuna reġistrata jordna li l-imsemmi metodu ma għandux ikun japplika għall-attribuzzjoni ta' *input tax* tal-provvisti ta' dik il-persuna, u meta tkun ingħatat ordni bħal dik, dik il-persuna għandha taddotta dak il-metodu ieħor ta' attribuzzjoni parzjali li l-Kummissarju jista' japprova.".